# Personaġġi li taw kontribut għall-iżvilupp tal-ilsien Malti.

Sa Ann Marie Schembri
Skola St Joseph, Tas-Sliema

# L-importanza ta’ dawn il-personaġġi

- Kienu strumentali biex il-Malti jibqa’ ħaj u jimxi dejjem ’il quddiem.
- Ħadmu fil-qasam lingwistiku jew letterarju b’mod li taw spinta kbira lil-lingwa.
- Rabtu t-tagħlim u l-apprezzament tal-Malti mal-bini u l-iżvilupp tal-identità Maltija.
- Raw validità fil-lingwa Maltija u ħadmu bi sħiħ biex din il-lingwa tkun rispettata u mogħtija l-prestiġju li jixirqilha.

# Ġan Franġisk Agius de Soldanis



- Twieled fit-30 ta' Ottubru 1712 fir-Rabat, Għawdex.
- 'De Soldanis' huwa l-forma Latina ta' kunjom ommu 'Sultana'. Dan żiedu wara kunjomu meta beda jikteb u jippubblika l-kotba.
- Laħaq kanonku ta' sbatax-il sena u wara laħaq qassis.
- Kellu għal qalbu l-Istorja ta' Għawdex, l-arkeoloġija u l-ilsien Malti.
- Kien jippublika l-kotba f'Ruma, Napli u Venezja.
- Ippubblika l-ewwel grammatika tal-Malti *Della Lingua Punica.*

# Ġan Franġisk Agius de Soldanis


DELLA
LINGUA PUNICA
PRESENTEMENTE USATA DA MALTESI &c.
OVVERO
NUOVI DOCUMENTI,
LI QUALI POSSONO SERVIRE DI LUME
ALL' ANTICA LINGUA ETRUSCA;
STESI
IN DUE DISSERTAZIONI &c.
DAL CANONICO
GIO: PIETRO FRANCESCO AGIUS
DE SOLDANIS,
E consacrati all' Illmo Signor
FRA SESTIO ANGELO
DERICARD,
COMMENDATORE DE LA VILLEDIEU ET ASTROS;
E BALI' DELL' ORDINE GEROSOLIMITANO.

IN ROMA MDCCL.
Appresso Gregorio Roisecco Mercante Libraro
in Piazza Navona.

- Ħadem fuq l-ewwel dizzjunarju tal-Malti *Damma tal Kliem Kartaginis.*
- Din kienet biċċa xogħol twila u impenjattiva ħafna tant li dam jikteb dan id-dizzjunarju sbatax-il sena . Fih jagħti bosta dettalji mhux biss dwar il-kliem innifsu, iżda wkoll dwar il-kultura u l-ħajja Maltija ta' żmienu.
- Ma kienx jaqbel ma' dawk il-Maltin li jużaw il-kelma Taljana minflok dik Maltija, madankollu fid-dizzjunarju huwa jniżżel il-kliem Taljan li kien daħal fil-Malti diġà u li l-Maltin kienu qed jużaw fit-taħdit tagħhom ta' kuljum.

# Ġan Franġisk Agius de Soldanis



- Fil-grammatika li kiteb, De Soldanis jinkludi wkoll eżempji ta' djalogi bejn Maltin ta' żmienu. Dawn il-kitbiet mhux biss jixhdu kif kienu jitkellmu missirijietna iżda t-tip ta' ħajja li kellhom fis-seklu 18.
- Miet fl-1770.

# Mikiel Anton Vassalli

- **Missier l-Ilsien Malti**.
- Twieled f'Ħaż-Żebbuġ fl-1764.
- Sa minn meta kien għadu żagħżugħ ta' dsatax-il sena kien idur l-irħula jiltaqa' man-nies u jiġbor il-qwiel u għerf lingwisitku ieħor.
- Ta' 21 sena mar jistudja f'università Ruma wara li kien studja l-Għarbi f'Malta.
- Fil-lingwa Maltija, Vassalli ra prestiġju għoli ħafna. Għalih din kienet lingwa sinjura u antika li l-poplu kellu jkun kburi biha.





- Il-Maltin setgħu jitgħallmu iżjed jekk jaqraw u jitgħallmu bil-lingwa tagħhom stess.
- Ħadem u stinka kemm felaħ biex jibni r-regoli tal-Malti ħalli mbagħad ikun jista' jikteb il-kotba.
- Ippubblika *Alfabet Malti Mfysser byl Malti u bit-Taljan* (1790), il-grammatika *Mylsen Phoenico-Punicum* (1791) u dizzjunarju ta' tmintax-il elf kelma *Ktyb yl Klym Malti Mfysser byl-Latin u byt-Taljan*.


KTYB YL KLŶM MÂLTI
MFYSSER BYL-LATIN U BYT-TALJAN
SIVE
LIBER DICTIONUM MELITENSIUM
HOC EST
MICHAELIS ANTONII VASSALLI
LEXICON
MELITENSE LATINO-ITALUM
APPENDIX ETYMOLOGICA ET COMPARATIVA
VOCABOLARIO MALTESE
ROMAE APUD ANTONIUM FULGONIUM
MDCCXCVI


MICHAELIS ANTONII
VASSALLI
MYLSEN
PHOENICO-PUNICUM
SIVE
GRAMMATICA
MELITENSIS
ROMAE MDCCXCI
SUMPTIBUS AUCTORIS

- Skopra t-tħaddim tal-għerq Semitiku fil-Malti.
- Vassalli ntbagħat il-ħabs wara li nstab li hu kien parti minn konfoffa kontra l-Kavallieri ta' San Ġwann.
- Inħeles mill-ħabs minn Napuljun għax Vassalli kien jappoġġja lill-Franċiżi.
- L-Ingliżi eżiljaw lil Vassalli minħabba li bħal ħafna Maltin kienu jqisuh traditur għax wara t-tluq tal-Franċiżi hu xorta baqa' jappoġġjahom u jħaddan l-ideat tar-Rivoluzzjoni Franċiża.







- Ġie lura Malta wara kważi 20 sena, bl-għajnuna ta’ studjuż Ingliż li kien jgħix Malta.
- Beda jgħallem il-Malti fl-Università u beda jaħdem mal-Protestanti biex jaqleb il-Vanġelu għall-Malti.
- Din l-għażla, imbuttata l-iżjed min-nuqqas ta’ flus reġgħet biegħdet lil Vassalli mill-Maltin.
- Miet ta’  65 sena fl-1829 iżda laħaq ħareġ it-tieni edizzjoni tal-grammatika u ġabra ta’ madwar 800 qawl.

# Ġan Anton Vassallo

- Twieled fl-1817 fil-Belt Valletta.
- Studja għal avukat u aktar tard wara li ħa l-lawrja, beda jgħallem it-Taljan.
- Fl-1863 beda jgħallem it-Taljan fl-Università.
- Beda jikteb il-poeżija bil-Malti meta kellu 25 sena. Qabel kien kiteb bosta bijografiji ta' personaġġi Maltin u anki l-Istorja ta' Malta iżda dawn kienu bit-Taljan.



# Ġan Anton Vassallo







- Jibqa' mfakkar l-iżjed għall-poeżija twila li kiteb bl-isem ta' *Il-Ġifen Tork* fl-1842.
- Fl-1862 kiteb il-ħajja ta' San Pawl bil-Malti, u aktar tard ħareġ ġabra ta' poeżiji. Fl-1861 ippubblika *Ħrejjef*, imbagħad fl-1863 ħareġ *Ħrejjef u Ċajt bil-Malti*.
- Vassallo wassal il-poeżija Maltija għal livell ogħla hekk kif biddel il-vers popolari tat-tmienja f'lirika mimlija bit-tqanqil tal-qalb u t-tiġrib tal-ħajja umana.
- Irnexxielu jgħolli l-lingwa Maltija meta din ma kienet meqjusa xejn.

# Ġan Anton Vassallo

- Kellu sens patrijottiku qawwi u dan jinħass sew fil-kitba tiegħu. Fil-fatt il-poeżija tiegħu *Tifħira lil Malta* kienet tindaqq bħall-innu Malti.
- Kien jgħaqqad il-letteratura mat-tagħlim fil-poeżiji satiriċi tiegħu.
- Juża l-poeżija bħala rakkont .
- Ma rabatx il-Malti mal-bdiewa u r-raħħala biss, iżda kien juża l-Malti mitkellem fl-ibliet għax dan kien jirrifletti s-soċjetà kontemporanja ta' żmienu.
- Miet fl-1868.

Int sabiħa, o Malta tagħna!

Mhux għax Malti nfaħħrek jien:

Issemmik d-dinja kollha,

Magħruf ġmielek kullimkien.

# Ġużè Muscat Azzopardi

- **Missier il-Letteratura Maltija**.
- Twieled fl-1853 f'Ħal Qormi.
- Kellu l-professjoni ta' avukat.
- Muscat Azzopardi kien jinteressa ruħu ħafna fil-kultura u fil-letteratura u għalhekk kien attiv f'bosta għaqdiet soċjali u kulturali.
- Kien l-editur ta' rivisti bil-Malti fosthom *In-Naħla Maltija* (1878) u *Il-Ħabib* (1911).



# Ġużè Muscat Azzopardi

- Jibqa’ magħruf għat-twaqqif **tal-Għaqda Kittieba tal-Malti** li aktar tard saret magħrufa bħala **L-Akkademja tal-Malti**.
- Kien l-ewwel president tal-Għaqda u kien ukoll l-ewwel editur tal-ħarġa *Il-Malti*, li ġiet ippubblikata fl-1924 u għadha ħajja sal-lum.
- Ħadem ma’ bosta kittieba oħra Maltin bħal Dun Karm biex imexxi iżjed ’il quddiem il-letteratura Maltija.
- Muscat Azzopardi jibqa’ magħruf għar-rumanzi storiċi li kiteb fosthom *Toni Bajjada, Mattew Callus, Nazju Ellul, Viku Mason.*
- Miet fl-1927



# Dun Karm Psaila

- **Il-poeta nazzjonali**.
- Imwieled Ħaż-Żebbuġ fl-1871 u kien ġej minn familja sempliċi ta' bdiewa.
- Wara li sar saċerdot beda jgħallem fis-seminarju.
- L-ewwel kitbiet tiegħu kienu bit-Taljan.
- Il-laqgħa tiegħu ma' Ġużè Muscat Azzopardi ħajritu jibda jikteb bil-Malti u ta' 40 sena ppubblika l-ewwel poeżija tiegħu fir-rivista *Il-Ħabib*.



# Dun Karm Psaila



Meta seħħu xi bidliet fil-ħajja tas-seminarju, Dun Karm kellu jħalli dan il-post fejn kien jgħix u jgħallem u kontra qalbu jmur joqgħod fil-Belt. Din l-esperjenza ħalliet marka qarsa fuqu tant li tinħass fil-ħafna poeżiji tiegħu li jikxfu s-solitudni qawwija li għadda minnha.

- Kellu wkoll il-pożizzjoni ta' librar fil-Librerija Nazzjonali.
- Mar jgħix Tas-Sliema sakemm miet fl-1961.



# Dun Karm Psaila

- Il-poeżiji tiegħu jixhdu l-qagħda universali tal-bniedem li jgħaddi minn tbatija u niket.
- Dun Karm uża l-Malti biex iqawwi s-sens patrijottiku, storiku u kulturali ta’ poplu li kien għadu qed jiskopri lilu nnifsu sakemm wasal għal deċiżjonijiet politiċi kbar.
- Kiteb ukoll bosta innijiet reliġjużi.
- Wieħed mill-membri fundaturi tal-Għaqda Kittieba tal-Malti.
- Fl-1920 intalab jikteb l-Innu Malti.

# Pietru Pawl Saydon

- Twieled fl-1895 fiż-Żurrieq.
- Sar qassis u kiseb ukoll grad fil-Letteratura.
- Kompla l-Istudji Bibliċi f'Ruma.
- F'Malta sar professur tal-Iskrittura Mqaddsa, tal-Lhudi u l-Grieg Bibliku.
- Kellu interess qawwi fl-istudji tal-Bibbja u tal-ilsna mħaddma fiha u minn hawn beda jinteressa ruħu iżjed fil-Malti.






# Pietru Pawl Saydon

- Saydon kien dak li qaleb l-Iskrittura Mqaddsa għall-Malti. Din kienet biċċa xogħol kbira ħafna li ħaditlu madwar 30 sena u għamilha kollha minn butu.
- Kien attiv ukoll fl-Għaqda Kittieb tal-Malti.
- Miet fl-1971.

# Ninu Cremona

- Twieled fl-1880 fir-Rabat, Għawdex.
- Studja fis-Seminarju ta’ Għawdex u tal-Furjana fejn iltaqa’ ma’ Dun Karm.
- Skrivan mal-gvern u spettur sanitarju.
- Kellu f’idejh it-traduzzjonijiet u l-pubblikazzjonijiet kollha tal-Gvern.
- Beda jgħallem il-Malti u aktar tard sar eżaminatur tal-Malti fl-Università.
- Kien jaħdem bla heda biex il-lingwa Maltija tiġi stmata u użata f’kull qasam tal-ħajja Maltija.



# Ninu Cremona

- L-akbar biċċa xogħol ta’ Cremona kienet il-ħidma tiegħu fuq il-grammatika Maltija.
- Fl-1924 ħareġ il-ktieb *Tagħrif fuq il-Kitba Maltija.* Dan kien xogħol ta’ riċerka kbira u tfassil serju tar-regoli tal-Malti, li ħafna minnhom għadhom jgħoddu sal-lum.
- Cremona għamel bosta xogħol ta’ riċerka fl-oqsma tal-folklor u l-kultura tradizzjonali u antika ta’ pajjiżna.



# Ninu Cremona



- Ninu Cremona kien strumentali biex jinġabru għadd ta’ bijografiji ta’ persunaġġi Maltin bħal Temi Zammit u Mikiel Anton Vassalli.
- Kien kittieb ta’ poeżiji, novelli u drammi. L-aktar xogħol magħruf tiegħu huwa d-dramm *Il-Fidwa tal-Bdiewa*.
- Miet fl-1972.

# Ġużè Aquilina

- Twieled il-Munxar, Għawdex fl-1911.
- Iggradwa bħala avukat mill-università ta’ Malta, iżda kompla r-riċerka tiegħu f’Londra fl-Istudji Orjentali u Afrikani.
- Lura Malta huwa sar Professur tal-Malti u l-Ilsna Orjentali u aktar tard Dekan tal-Fakultà tal-Arti.
- Kien kap tad-Dipartiment tal-Malti u matul il-kariga tiegħu ħadem kemm felaħ biex l-istudju tal-Malti jimxi ’l quddiem, mhux biss f’Malta iżda f’ċentri kulturali u universitajiet barra minn Malta.



# Ġużè Aquilina







- Aquilina kiteb bosta studji xjentifiċi dwar il-lingwa Maltija. Hu poġġa lill-Malti fuq livell akkademiku internazzjonali minħabba li kien jippubblika artikli f'rivisti internazzjonali u jagħmel bosta taħdidiet f'universitajiet barranin.
- B'dan il-mod il-Malti beda jinxtered 'il barra minn artna fil-forma ta' studju serju u xjentifiku.
- L-akbar biċċa xogħol ta' Aquilina kienet id-dizzjunarju mill-Malti għall-Ingliż, u mill-Ingliż għall-Malti. Dan id-dizzjunarju għadu jintuża sal-lum.

# Ġużè Aquilina

- Ġabar ukoll dizzjunarju ta' qwiel Maltin.
- Kien editur ta' bosta ġurnali akkademiċi bħal *Leħen il-Malti.*
- Aquilina kien ukoll kittieb ta' poeżiji u proża. Jibqa' msemmi l-aktar għar-rumanz storiku tiegħu *Taħt Tliet Saltniet.*
- Aquilina kien lingwista u studjuż li ta kontribut qawwi lill-Malti b'mod professjonali u li llum għadna ngawdu mix-xogħol kbir tiegħu.
- Miet fl-1997.



# Biblijografija


http://malti.skola.edu.mt/kotba/desoldanis.pdf

http://mt.wikipedia.org/wiki/%C4%A0an_Anton_Vassallo

http://dunkarm.org.mt/dun-karm-psaila-biography

http://www.akkademjatalmalti.com/filebank/documents/ninucremona-profil.pdf

http://www.akkademjatalmalti.com/page.asp?p=9034&l=1